**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 150/2021**

**EZ & ZZ rispettivament**

**('l-ilmentaturi')**

**vs**

**MAPFRE MSV LIFE p.l.c. (C 15722)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tat-28 ta' Settembru 2022**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment[1],** fejn l-ilmentaturi stqarrew li lura fl-1996, mar izurhom Andrè Micallef, rapprezentant tal-provditur tas-servizz, sabiex ikellimhom dwar il-polza ilmentata, fejn dan ghamel hekk minn jeddu minghajr ma gie mitlub mill-ilmentaturi infushom. Gew diskussi d-diversi ghazliet offruti lilhom u eventwalment ghazlu li jhallsu Lm150 (Euro 349.41) kull tliet xhur jew ghalhekk Lm600 fis-sena, u dan ghal perjodu ta' hamsa u ghoxrin sena. Kienu imbaghad intitolati li jiehdu lura s-somma ta' Lm51,296, ekwivalenti ghal Euro 119,488.

Qalu li l-polza immaturat f'Mejju 2021, u xahar qabel, ircevew ittra minghand il-provditur tas-servizz fejn gew infurmati li l-ammont li kienu ser jircievu kien ta' Euro 50,359.59. L-ilmentatur sostnew li din is-somma mhix wahda accettabbli minhabba li mhix dik miftiehema originarjament u, ghalhekk, ihossuhom ittraduti mill-istess provditur tas-servizz. Huma insistew li investew il-flus hekk kif miftiehem minhabba li s-somma finali li giet imwieghda lilhom kienet attraenti, u ammettew li kieku intqal lilhom li l-ammont li kienu ser jircievu kien

[1] Pagna (P.) 4

ser ikun inqas minn hekk, ma kinux jaccettaw li jinvestu dak l-ammont kollu ta' flus ghal dak iz-zmien kollu.

Ghaldaqstant, jistennew li bhalma huma zammew mal-ftehim originali billi hallsu s-somma dovuta minnhom, jigifieri, Lm150 (Euro 349.41) kull tliet xhur, u dan ghal hamsa u ghoxrin sena shah, il-provditur tas-servizz ghandu jkun serju bizzejjed billi issa jaghtihom l-ammont kollu hekk kif miftiehem, jigifieri, is-somma ta' Lm51,296, ekwivalenti ghal Euro 119,488.

**Ra r-risposta[2] tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Is-socjetà esponenti tixtieq tirreferi ghall-fatt allegat mill-ilmentaturi illi l-*maturity value* fl-ammont ta' Ewro 59,867.94 fir-rigward tal-polza in kwistjoni, cioè, l-*Endowment Assurance with Profits including Funeral Expenses Benefit*, bin-numru 29166N, li nharget mis-socjetà esponenti f'isem l-ilmentaturi, EZ u ZZ, ma kienx ekwivalenti ghall-*estimated maturity values* kif kien indikat mis-socjetà esponenti tramite l-intermedjarju Andrè Micallef fil-mument tal-bejgh tal-polza in kwistjoni. Konsegwentement, l-ilmentaturi qeghdin jitolbu lill-Onorabbli Arbitru jiddikjara u jiddeciedi illi s-socjetà esponenti tigi ordnata thallas Ewro 119,448 li tirrapprezenta l-*estimated maturity value including reversionary and terminal bonuses* indikat fuq il-*quotation* li kienet moghtija lill-ilmentaturi. Fl-umli fehma tas-socjetà esponenti, it-talba tal-ilmentaturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan ghal diversi ragunijiet li ser jigi spjegati aktar 'l isfel.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà esponenti tixtieq taccenna illi hija kienet tat informazzjoni sufficjenti lill-ilmentaturi dwar il-polza in kwistjoni u dan fl-istadji kollha u, cioè, qabel il-hrug tal-polza fil-mument tal-hrug tal-*quotations*, fil-mument tal-hrug tal-polza permezz tat-*terms and conditions* tal-polza in kwistjoni kif ukoll wara l-hrug tal-polza in kwistjoni.

3. Illi fl-ewwel lok, is-socjetà esponenti kienet disposta illi thallas l-ammont li kien imwieghed bil-kuntrarju ta' dak li qed jghidu l-ilmentaturi fl-ilment taghhom illi *"inhossu li gejna traduti mill-kumpanija minhabba li ma nghatajniex l-ammont li ftehmna dwaru"* u *"din is-somma mhux accettabbli minhabba li mhix dik miftiehma"*. Dan qed jinghad ghax l-obbligu tas-socjetà

[2] P. 71

esponenti taht il-polza in kwistjoni kien dan li gej: *"The **<u>COMPANY HEREBY AGREES to pay the greater of either the Basic Sum Assured or Policy Account (if any) and/or the specified additional Benefits (if any) ...</u>**".*

F'dan il-kaz il-*basic sum assured* fil-bidu tal-polza kien jammonta ghal Lm13,165 (Ewro 30,666.20) u permezz ta' rikjesta mill-ilmentatur, EZ, biex jinkludi lil martu, ZZ, bhala *second life assured* mill-1 ta' Mejju 2000, il-*basic sum assured* naqset ghal Lm10,545.00 (Ewro 24,563.23). Izda, fid-data tal-maturità tal-polza, il-valur tal-*Policy Account* kien jammonta ghal Ewro 59,867.94. Ghalhekk, is-socjetà ottemporat mal-obbligi taghha taht il-polza jekk thallas *"the greater of either the Basic Sum Assured or Policy Account"* fl-ammont ta' Ewro 59,867.94. Dan l-obbligu johrog mill-polza li kopja taghha kienet mehmuza mal-ilment (*fol.* 40-55). Ghalhekk ukoll mhuwiex veritier dak li allegaw l-ilmentaturi fil-*complaint email* anness mal-ilment (*fol*. 9) fejn jghidu li *"We totally disagree with this amount, and we will not accept it and this because it falls well short of the amount of Lm51,296 (€119,448) that I was promised when I purchased this Policy."*

4. Il-kalkoli li qed jirreferu ghalihom l-ilmentaturi huma riflessi fil-*quotation* datata 16 ta' Mejju 1996, li nharget fir-rigward tal-polza in kwistjoni. L-ilmentaturi ipprezentaw ukoll *quotation* ohra mahruga fuq il-*letterhead* tal-intermedjarju li turi xenarji differenti b'figuri differenti, u b'hekk jidher car illi iz-zewg *quotations* varjaw ftit minn xulxin u b'hekk id-dokumentazzjoni turi illi qatt ma kien hemm emfasi partikolari fuq ammont partikolari fil-mument tal-bejgh. Importanti ukoll li jinghad illi l-*quotation*, kif l-isem jindika, hija biss **<u>stima</u>** (*estimate* jew *illustration*). Kieku wiehed seta' jiehu l-ammont tal-imsemmija stima sabiex jiddetermina l-kumpens allegatament dovut lill-ilmentaturi, allura, ifisser li l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonus* issa tkun inghatat tifsira ferm differenti minn dik ta' stima (*estimate* jew *illustration*) (hekk kif kienet giet uzata u ) u tiehu minflok tifsira zbaljata ta' ammont garantit sabiex, konvenjentement, l-ilmentaturi jivvantaw l-pretensjonijiet infondati taghhom.

5. L-istima kienet ibbazata fuq ir-rati ta' qligh li kienu qed jintuzaw dak iz-zmien. Il-**<u>figuri kkwotati ma kinux ammonti garantiti imma *"Estimated Maturity Values"* ibbazati fuq il-kundizzjonijiet ta' investiment u c-cirkostanzi ta' dak</u>**

**iz-zmien**. L-aktar fattur importanti li jaffettwa ir-rati tal-*bonus* huwa l-prestazzjoni tal-investiment sottostanti. Fis-snin ricenti, il-prestazzjoni tal-investiment internazzjonali kienet aktar baxxa. Madankollu is-socjetà esponenti tikkonferma li l-istima li tat fil-bidu tal-polza in kwistjoni kienet fil-fatt korretta skont ic-cirkostanzi finanzjarji ta' dak iz-zmien u, ghalhekk, agixxiet in *bona fede*.

6. F'dan il-kuntest, ghandu jigi apprezzat ukoll illi l-element ta' investiment fil-polza in kwistjoni u, ghalhekk, il-fatt illi l-*maturity value* zgur li ma setax ikun garantit johrog b'mod car mill-*quotation* (*fol*. 63) minhabba illi juri li kien hemm parametru xi ftit jew wisq pjuttost wiesgha ta' avarija, nghidu ahna s-socjetà esponenti kienet digà qed tipprospetta li l-polza setghet immaturat jew b'valur wiehed fl-ammont ta' Euro 86,899.60 (ekwivalenti ghal Lm37,306) jew b'valur ikbar fl-ammont ta' Euro 119,487.54 (Lm51,296). Ghalhekk, ghandu jirrizulta car allura li l-ebda ammont ma kien gie garantit hlief ghas-*sum assured*. Dana anke ghaliex, li kieku kien fil-fatt gie xi ammont garantit (oltre is-*sum assured*), allura, wiehed jistaqsi liema ammont kellu jkun l-ammont garantit dak ta' Euro 86,899.60 jew Euro 119,487.54? Jirrizulta illi l-ilmentaturi ibbazaw l-ilment taghhom fuq l-akbar *estimated maturity value* indikat fil-*quotation* datata 16 ta' Mejju 1996.

7. Irid jinghad ukoll illi fil-*Life Policy Schedule* tal-polza li giet annessa mal-ilment (*fol*. 57), jinghad espressament illi fir-rigward tal-*investment premium* *"In respect of each premium paid, Lm143.17 shall be credited to the Policy Account which will be increased by the bonuses which **may** be declared by the Company from time to time."* Dan ikompli juri illi mill-bidu tal-polza, l-ilmentaturi kienu infurmati illi kien hemm element ta' investiment u li l-*bonuses* ma kinux mandatorji izda kien fid-diskrezzjoni tas-socjetà esponenti illi tiddikjara jew ma tiddikjarax dawn il-*bonuses*. Dan ikompli juri illi s-socjetà esponenti tat informazzjoni lill-ilmentaturi li l-polza in kwistjoni kienet volatili u dan ghall-kuntrarju ta' dak li l-ilmentaturi allegaw fl-ilment taghhom. Irid jinghad ukoll illi permezz ta' riskjesta tal-ilmentatur rigward l-inkluzjoni ta' mart l-ilmentatur biex issir *second life assured*, kif digà imsemmi fis-suespost, kien hemm varjazzjoni fl-*investment premium* fejn mill-1 ta' Mejju 2021, minflok Ewro 143.17 kull tliet xhur, kellu jithallas Ewro 141.71 kull tliet xhur (qed jigi anness id-dokumentazzjoni kollha li juri dawn

l-amendi fil-polza immarkat bhala **Dok. MSV1**) u, ghalhekk, l-ilmentaturi barra li ma jistghux jippretendu illi jiehdu l-ammont kif stmat ghaliex dan l-ammont kien biss stima u *illustration* kif tinftiehem bit-tifsira normali tal-kliem, ma jistghux jippretendu illi jiehdu dan l-ammont ghaliex l-*investment premium* kien inbidel u fil-fatt naqas.

**Barra minn hekk, l-uniku ammont li gie imsemmi fuq il-*Life Policy Schedule* kien is-*sum assured*, u l-ebda ammonti li kellhom il-kelma '*Estimate*' fil-*quotation* ma kienu imsemmijin fuq din is-*Schedule*, u dan ikompli juri illi ghalhekk, skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet, l-*estimate maturity value including reversionary bonus* u l-*estimate maturity value including reversionary bonus and terminal bonus* qatt ma kienu garantiti**.

8. Irid jinghad illi anke wara l-hrug tal-polza in kwistjoni sal-maturità taghha, is-socjetà esponenti baqghet tagixxi *in bona fede* minhabba illi dejjem amministrat l-*MMSV With Profits Fund* (cioè, il-fond illi taghmel parti minnu l-polza in kwistjoni) ghan-nom u fl-ahjar interess tad-detenturi tal-poloz taghhom li llum jaqbzu t-80,000. Fil-fatt, is-socjetà esponenti agixxiet professjonali u b'mod trasparenti matul il-perjodu kollu tal-polza. Dan qed jinghad ghaliex l-amministrazzjoni tal-fond fuq imsemmi u kif isiru l-investimenti huwa taht skrutinju mhux biss tal-Bord, tal-*management* ezekuttiv u tal-*investment committees* tas-socjetà esponenti, imma wkoll taht skrutinju tal-attwarji, *Willis Towers Watson,* ditta internazzjonali, professjonali u indipendenti, kif ukoll taht skrutinjku tal-MFSA.

*9.* Inoltre, is-socjetà esponenti tixtieq tispjega illi n-natura ta' "*With-Profits*" hija tali li d-decizjoni tal-investiment tittiehed mill-kumpanija tal-assigurazzjoni u mhux mill-assikurat. Jista' isir paragun mal-*Unit Linked products* li joffru l-facilità li d-decizjoni tal-investiment tittiehed direttament mill-assikurat imma imbaghad din m'ghandha l-ebda garanzija. B'kuntrast taht il-metodu ta' "*With Profits*", il-kumpanija tal-assigurazzjoni tiehu l-piz tad-decizjoni tal-investiment stante illi tipprovdi garanziji li l-*investment premium* u l-*bonus* li jkunu gew iddikjarati fil-passat, fil-fatt, jithallsu lill-assikurat u, ghalhekk, ma jistghux jinzlu jew jitnehhew minkejja ic-caqlieq fis-suq. Minkejja dan, xorta wahda hemm grad ta' trasparenza rigward kif qed jigu investiti l-*premiums* li jithallsu mill-"*With Profits"* permezz ta' *Chartbook*

li jinsab fuq il-*website* tas-socjetà esponenti www.msvlife.com li jigi aggornat kull tliet xhur. Jinsab ukoll fuq is-sit elettroniku tas-socjetà esponenti *"A simple Guide to the With Profits Fund".*

10. Irid jinghad ukoll illi s-socjetà esponenti kienet trasparenti fl-imgieba taghha ghax, fil-fatt, ta' kull sena, is-socjetà esponenti dejjem zammet lill-ilmentaturi mgharrfin ezattament b'dak li kien qed jigri fid-dettall bl-andament tar-rati tal-imghax li kienu qeghdin jigu ikkreditati lill-polza *de quo* billi forniet lill-ilmentaturi (kif ghamlet ovvjament mad-detenturi tal-poloz kollha taghha) bil-valur attwali tal-polza *de quo*, permezz tal-*Bonus Statements* li maghha kien ukoll jigi anness dokument iehor imsejjah *Important Notes*, u sa mill-2001 kien ukoll jigi anness dokument iehor imsejjah *Media Release* (anness u mmarkat bhala **Dok. MSV2**). Il-*"Bonus Statements"* kienu juru l-progressjoni fit-tkabbir tal-polza minn sena ghal sena u l-ilmentaturi kellhom ikunu konxji bis-shih dwar kif il-polza kienet qed tikber minn sena ghal sena. L-*Important Notes* annessi mal-*Bonus Statements* mahruga kull sena, il-*media releases*, kif ukoll l-ittri fuq imsemmija jaghmluha cara li r-rati tal-*bonus* ma kinux garantiti u li kienu jiddependu fuq il-prestazzjoni tal-investimenti u, ghalhekk, l-investimenti setghu jitilghu jew jinzlu.

11. Irid jinghad ukoll illi bhal kull fond iehor ta' investiment, l-andament tal-*MMSV With Profits Fund* huwa kompletament u dejjem soggett ghal dawk il-kambjamenti u caqlieq ta' valuri fis-swieq kemm finanzjarji, kemm ta' proprjetà immobili u ta' assi ohrajn illi gewwa fihom jinvesti il-*MMSV With Profits Fund*. L-ebda indikazzjoni ta' kif jista' jizviluppa l-valur tal-investiment ma jista' qatt jittiehed bhala vangelu u, kif jaf kulhadd, il-valur tal-investiment jista' joghla kif ukoll jinzel u l-passat m'huwiex garanzija tal-futur.

12. Ghalhekk, il-valuri indikattivi tal-investiment tal-polza in kwistjoni meta giet mibjugha bl-ebda mod ma qatt gew deskritti li kienu garantiti. Id-diminuzzjoni fil-valur tal-investiment kif deskritt fl-ilment ma huwa xejn hlief riflessjoni tal-andament tal-investimenti u tal-fond hawn fuq imsemmi tul il-perjodu kollu li ilha fis-sehh din il-polza. Però, jekk wiehed jaghmel analizi dettaljata fejn jittiehdu in konsiderazzjoni il-fatturi kollha (u mhux uhud biss

minnhom) wiehed jasal ghall-konkluzjoni li xorta wahda dik il-parti tal-polza in kwistjoni li hija l-parti tal-investiment (u mhux il-parti tal-assikurazzjoni fuq il-hajja) marret tajjeb kif ikkomparata ma' investimenti komparabbli fis-swieq tal-investiment tul il-kors tal-perjodu tal-polza *de quo*. **Fil-fatt, l-ilmentaturi ghamlu gwadann ta' circa Ewro 26,798.5.** Id-differenza bejn il-*maturity value* u dak li qed jippretendu li jircievu l-ilmentaturi mhi xejn hlief differenza bejn is-somma stmata (*estimate* u *illustration*) fil-*Quotation* u l-valur attwali tal-investiment meta mmaturat l-istess polza. Dan il-valur attwali tal-investiment huwa l-ammont li huwa dovut lill-ilmentaturi taht il-polza *de quo*.

13. Apparti l-element ta' investiment, suggett principali ta' din il-vertenza, il-polza in kwistjoni kellha wkoll tkopri ir-riskju tal-mewt tal-ilmentaturi matul il-kors tal-perjodu tal-istess polza, liema kopertura ovvjament ghandha prezz u liema prezz qed jigi totalment injorat mill-ilmentaturi fl-ilment taghhom. L-ghan tal-polza in kwistjoni kien barra li jipprovdi *"a medium to long term tax efficient investment"* u pagament hieles mit-taxxa meta timmatura l-polza wkoll li jkun hemm beneficcju garantit pagabbli fil-kaz ta' mewt qabel il-maturità tal-polza. L-unika ammont li kien garantit taht din il-polza kien is-*sum assured* li kien jithallas lill-eredi tal-assikurat kieku gie nieqes matul il-perjodu tal-polza anke jekk kieku gie nieqes l-ghada li hallas l-ewwel *premium* jew jekk il-*policy account* kien anqas mis-*sum assured.* Dan juri illi s-socjetà esponenti ottemprat mal-obbligi kuntrattwali taghha ghax lahqet l-ghanjiet tal-polza in kwistjoni meta l-istess polza lahqet *maturity value* fl-ammont ta' €59,867.94. Ghalhekk, minkejja t-tnaqqis ricenti fir-rati tal-*bonus* matul iz-zmien xorta wahda l-polza in kwistjoni kienet investiment siewi ghaliex minbarra *"l-Maturity Value"* hieles mit-taxxa, u illi kien hemm *rate of return* tajjeb hafna, il-polza ipprovdiet ukoll kopertura fuq il-hajja li mhux generalment disponibbli taht forom ohra ta' tfaddil regolari.

14. Is-socjetà esponenti tixtieq tishaq illi l-bejgh tal-polza in kwistjoni sar *ai termini* ta' regolamenti applikabbli fil-mument tal-bejgh tal-polza u, cioè, fis-sena 1996. Fil-fatt, qabel ma sar il-kuntratt in kwistjoni, l-ilmentaturi gew ipprezentati bl-Avviz Statutorju mahrug skont il-provvediment tar-regolamenti tal-1989 dwar l-Assigurazzjoni fuq il-Hajja (Avviz Statutorju) (Avviz Legali 129 tas-sena 1989) kif is-socjetà esponenti kienet rikjesta li

taghmel mil-ligi fil-mument tal-konkluzjoni tal-polza liema Avviz gie iffirmat mill-ilmentaturi stess. L-Avviz in kwistjoni kien jinkludi diversi drittijiet, fosthom, id-dritt li jahsbuha mill-gdid u jekk ikun jixtieq, jergghu lura min-negozju fi zmien 15-il jum minn meta jinghata dan l-Avviz. Dan l-Avviz kien mahsub sabiex proprju jigu evitati xi okkazjonijiet fejn ikun sar xi pressjoni jew ghal kwalsiasi raguni d-detentur ikun irid jerga' jahsibha jew iregga' lura d-decizjoni tieghu. Jidher b'mod car illi l-ilmentaturi m'ezercitaw l-ebda dritt ikkomunikat lilhom f'dan l-Avviz, tant li imbaghad intrabtu minn jeddhom bil-kuntratt in kwistjoni. Is-socjetà esponenti qed tannetti ma' din ir-risposta kopja tal-Avviz Statutorju in konnessjoni mal-polza iffirmata mill-ilmentaturi li qed jigi mmarkat bhala **Dok. MSV 3.**

15. Finalment, is-socjetà esponenti tixtieq tishaq ghall-ahhar darba illi hija qatt, fl-esekuzzjoni tal-kuntratt relattiv u, cioè, fir-rigward tal-polza bin-numru 29166N, ma kienet inadempjenti jew agixxiet b'mod qarrieqi; ma kisret ebda termini pattwiti bejn il-partijiet; u ma zgwidatx lill-ilmentaturi fl-ebda stadju; u, ghalhekk, m'ghandhiex tkun ordnata sabiex thallas kumpens lill-ilmentaturi jew spejjez ta' din il-procedura li saret inutilment mill-ilmentaturi, hekk kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-ilment.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**:

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[3]**

L-ilment ewlieni mressaq mill-ilmentaturi jittratta l-fatt li huma accettaw li jixtru l-polza hekk kif offruta lilhom a bazi tal-fatt li mal-maturità kellhom jircievu s-somma ta' Lm51,296 (€119,488), li izda minkejja l-weghdiet li inghataw waqt il-

[3] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

bejgh tal-polza, issa gew infurmati li l-ammont li huma kienu intitolati li jircievu huwa ferm inqas.

Mill-banda l-ohra, il-provditur tas-servizz issottometta li l-ammont riferut mill-ilmentaturi u li fuqu qed tigi ibbazata t-talba ghall-kumpens kien, fil-fatt, stima moghtija lilhom fil-mument tal-bejgh, liema stima kienet ibbazata fuq ir-rati ta' qligh applikabbli dak iz-zmien, liema rati kienu eventwalment dipendenti fuq il-kundizzjonijiet ta' investiment u c-cirkostanzi ta' dak iz-zmien.

Evidentement, l-ilmentaturi qed iressqu dan l-ilment a bazi tal-fatt li, fil-mument tal-bejgh tal-polza, gew mibnija certu aspettattivi li fid-data tal-maturità, dawn ma gewx milhuqa.

Biex jasal ghad-decizjoni jekk l-ilment huwiex wiehed gust, ekwu u ragonevoli, l-Arbitru jrid jara xi provi tressqu quddiemu.

***Il-Verzjoni tal-ilmentaturi***

Fix-xhieda[4] tieghu, l-ilmentatur stqarr li habib tieghu kien introducih ma' Andre Micallef li qallu x'kien qed jigi offrut mill-*Middlesea Valletta* dak iz-zmien, fosthom *'... prodott li fih ammont ta' snin biex tiehu l-ammont naqra kbir lura.'*[5]

Tah diversi stimi, fosthom, li jekk ihallas is-somma ta' Lm500 ghal sittax-il sena, jircievi s-somma ta' madwar Lm16,500, u jekk ihallas l-istess somma ghal wiehed u tletin sena, jircievi mbaghad is-somma ta' Lm75,000. Stima ohra kienet tikkonsisti f'pagament ta' Lm550 ghal ghoxrin sena u mbaghad jiehu lura s-somma ta' Lm28,000, filwaqt li jekk ihallas dan l-istess pagament ghal hamsa u ghoxrin sena, jiehu lura s-somma ta' Lm47,500.

L-ilmentatur qal li Micallef assigurah li din il-polza hija wahda sigura u li dawn il-flus imsemmija kien fil-fatt ser jehodhom lura. Qal ukoll li

*'... fil-fatt, ghamilli xi graphs hawn wara fuq karta minnhom, li hawnhekk qed jurik kif titla' wara ammont ta' snin fejn spiccat i jiena mort ghal dawn il-Lm50,000.'*[6]

[4] P. 84
[5] *Ibid*.
[5] *Ibid*
[6] P. 84

Ammetta li tant kien gie assigurat li kien ser jiehu s-somom imwieghda, li hu ghazel li minflok ihallas is-somma ta’ Lm550 ghal hamsa u ghoxrin sena, ihallas aktar, jigifieri, Lm600 ghal hamsa u ghoxrin sena.

L-ilmentatur xehed kif fuq l-ebda *quotation* moghtija lilu ma hemm indikat li dawn is-somom ikkwotati jistghu jonqsu bin-nofs jew anke b’inqas minn nofs, kif, fil-verità, gara. Kien car meta qal illi kieku kien intqal lilu li dawn is-somom ma jintlahqux, lanqas biss kien jahseb li jixtri din il-polza.

Filwaqt li spjega kif il-figuri kkwotati lilu jinkludu wahda li tinkludi t-*terminal bonus* u l-ohra li ma tinkludix *bonus*, l-ilmentatur spjega li mill-istess *quotations*, l-eqreb wahda ghall-pozizzjoni tieghu hija dik ta’ Lm550 ghal hamsa u ghoxrin sena u, eventwalment, jiehu lura s-somma ta' Lm47,500. Qal li hu ma hadhiex dakinhar u kien informa lil Micallef li kien ser jahsibha, fejn, wara li dan tal-ahhar mar ghandu t-tieni darba, wara li kien gie assigurat li ser jiehu lura dak imwieghed lilu, iddecieda li jhallas ftit aktar minn dak ikkwotat originarjament, fejn ghazel li jhallas is-somma ta’ Lm600 fis-sena.

Stqarr kif m’ghandux *quotation* li turi din is-somma, izda *‘... ghandi l-konferma tal-Middlesea li ser jaghtuni Lm51,296 (Life Assurance Quotation datata 16 ta’ Mejju 1996).’*[7]

L-ilmentatur indika li ma kellu l-ebda komunikazzjoni ohra ma’ Micallef, izda madwar erba’ snin wara li nxtrat il-polza ilmentata, kien gie ikkuntattjat mis-Sur Joe Borg, fejn dan tal-ahhar staqsih biex ikellmu fuq din l-istess polza; u meta zaru f’daru stess, spjegalu kif Micallef kien spicca mix-xoghol mal-*Middlesea*, u hu ha *over* ix-xoghol li kellu hu. Xehed ukoll kif Borg qallu li jekk irid, it-Lm13,000 li jinghataw jekk jigi nieqes hu, setghu ukoll jigu fuq il-mara.

Stqarr li:

*‘Jien staqsejtu jekk naghmel hekk kienx ser jonqos l-ammont ta’ Lm51,296. Qalli, “Le, dawk xejn m’hu ser jonqos minnhom. Li ser jonqos, jekk tigi nieqes int, flok dawk it-Lm13,165, tiehu Lm10,000 jew, jekk tigi nieqsa l-mara, tiehu Lm10,000.” Ghidtlu, “Mela jekk l-ammont tal-flus mhux ser jonqos, ser jonqos hemmhekk biss, naghmilha”’.*[8]

[7] P. 85
[8] P. 85 - 86

L-ilmentatur qal kif minn dakinhar 'l hawn, ghal hamsa u ghoxrin sena shah, ma kellmu hadd. Insista li hu kien dejjem bil-hsieb li kif jaghlaq il-hamsa u hamsin sena, kien ser jiehu l-ammont hekk kif spjegat lilu u kif kien il-ftehim. Qal li l-*graphs* fuq wahda ta' wara mill-*quotations*, Micallef kien pingihomlu sabiex jurih li dan it-tip ta' investiment huwa dejjem tiela' u fl-ebda hin ma jidher li dawn setghu jonqsu. Qal li anzi, *'... dan ghamilha biex jikkonferma dak li kien qed jghidli fuq il-quotation li hemm fuq in-naha ta' quddiem.'*[9]

Mill-banda l-ohra, l-ilmentatrici ikkonfermat[10] dak li xehed zewgha filwaqt li stqarret li fil-perjodu li giet mibjugha l-polza lilhom, hi kienet mara tad-dar u kienet ukoll prezenti fil-mument tal-bejgh.

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

Ghall-provditur tas-servizz xehed Massimo Dimech permezz ta' *Affidavit.*[11]

Bhalma ghamel il-provditur tas-servizz fir-risposta tieghu, l-*Affidavit* ta' dan ix-xhud jikkonsisti f'rendikont ta' kif tahdem *endowment policy* bhal dik ilmentata. Barra minn hekk, hu irrefera ghall-istimi ipprezentati mal-ilment mill-ilmentaturi infushom, fejn stqarr li jirrizulta li l-ilmentatur strah fuq il-figuri indikati f'dawn il-*quotations*, li izda, kif anke l-isem jissuggerixxi, dawn kienu stimi u, ghalhekk, l-ammonti tal-*maturity values* indikati ma kinux garantiti izda kienu l-parti tal-investiment tal-polza. Qal ukoll li l-ilmentaturi ipprezentaw il-*quotations* mahruga fuq il-*letterhead* tal-intermedjarju li juru xenarji differenti b'figuri u termini differenti u b'hekk jidher car li z-zewg *quotations* varjaw ftit minn xulin u b'hekk id-dokumentazzjoni turi illi qatt ma kien hemm emfasi partikolari fuq l-ammont partikolari fil-mument tal-bejgh.

Insista kif il-provditur tas-servizz ottempra mal-obbligi kuntrattwali minhabba li kien dispost ihallas il-*maturity value* attwali li huwa ferm aktar mill-*investment premium* ghax il-*maturity value* attwali ammonta ghal Ewro 59,867.94. Qal ukoll li meta tnaqqas l-*investment premium* li thallsu minn dan il-*maturity value*, jirrizulta li l-ilmentaturi ghamlu gwadann ta' Ewro 26,798.05, u li kieku ghamlu

[9] P. 86
[10] *Ibid*.
[11] P. 92

*term policy* minflok il-polza in kwistjoni kienu, fil-fatt, jaghmlu telf ghax ma kienu jircievu xejn meta din l-istess polza timmatura.

**Kunsiderazzjonijiet ohra**

Il-punt krucjali f'dan l-ilment jittratta l-mod kif il-polza in kwistjoni giet mibjugha lill-ilmentaturi, partikolarment, l-accertazzjoni u l-assigurazzjoni moghtija lilhom f'dak il-mument fir-rigward tas-somma li kellha tinghata lilhom mal-maturità, fejn a bazi ta' din l-assigurazzjoni, huma anke iddecidew li jhallsu ammont ta' *premium* oghla minn dak ikkwotat lilhom originarjament sabiex l-ammont li jkunu intitolati ghalih ikun ukoll oghla.

L-Arbitru jrid imur ghall-waqt li kienet qed tinbiegh din il-polza, x'gie mwieghed, u x'eventwalment inghata mal-maturità. L-Arbitru jrid jara kif sar il-bejgh tal-prodott ilmentat u, fuq kollox, jekk lahaqx l-*'aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment.'*[12]

Bhala parti mis-sottomissjonijiet lill-Arbitru, il-provditur tas-servizz ipprezenta l-*Affidavit* ta' Massimo Dimech, izda, evidentement, dan ma kienx prezenti fil-mument li giet moghtija l-ispjegazzjoni dwar il-mod kif tahdem din il-polza, giet mibjugha l-polza u eventwalment gew iffirmati d-dokumenti necessarji mill-ilmentaturi. Ikkonferma hu stess fil-kontroezami li:

*'... l-affidavit li ghamilt f'dawn il-proceduri, l-informazzjoni li gibt hawnhekk, hija l-informazzjoni li ghandha l-MSV mill-file personali tas-Sur EZ.'*[13]

Id-dikjarazzjonijiet ta' Massimo Dimech huma ghalhekk ibbazati fuq il-mod generali kif tahdem il-polza bhal dik ilmentata u mhux specifici ghall-ispjegazzjonijiet u l-accertazzjonijiet moghtija qabel il-bejgh tal-polza ilmentata li, fil-verità, huwa l-punt krucjali ta' dan l-ilment.

Ghal xi raguni jew ohra, ma giet ipprezentata l-ebda xhieda min-naha ta' Andrè Micallef, il-persuna li bieghet il-polza lill-ilmentaturi, jew inkella min-naha ta' Joe Borg, li kien eventwalment ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz li ghamel

[12] Kap. 555, Artiklu 19(3)(c)
[13] P. 98

kuntatt mal-ilmentaturi meta Andrè Micallef ma kienx ghadu rapprezentant tal-istess provditur tas-servizz.

Ghaldaqstant, ghall-fini tal-mod kif din il-polza ilmentata giet mibjugha lill-ilmentaturi, l-Arbitru ghandu biss il-verzjoni tal-ilmentaturi u d-dokumenti sottomessi.

Fix-xhieda tieghu, l-ilmentatur stqarr li meta gie biex ikellmu Andrè Micallef, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, gie pprezentat bi stimi diversi fejn gew indikati lilu ghazliet differenti, b'ammont ta' *premiums* ghal perjodu ta' snin differenti. Hu inghata l-ghazla ta' *premium* li jammonta ghal Lm500 u dan jew ghal perjodu ta' sittax-il sena jew ghal perjodu ta' wiehed u tletin sena, jew inkella *premium* ta' Lm550 ghal perjodu ta' ghoxrin jew hamsa u ghoxrin sena. Dawn l-ghazliet gew moghtija lilu permezz ta' zewg dokumenti[14] mahruga taht it-titlu ta' Andrè Micallef bhala *Life Representative* ghal *Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd.*

L-ilmentatur iddikjara li:

*'... l-eqreb wahda li hemm hi tal-Lm550 ghal 25 sena li niehu lura Lm47,500. Jien ma hadthiex dakinhar. Jiena tkellimt mieghu u ghidtlu li ser nahsibha. Imbaghad, wara li gie t-tieni darba, ghidt, "Mela, ha naghmilha ftit aktar", tant kemm assigurani li ser nehodhom lura. U ghamilt is-Lm600. Nghid li ma ghandix il-quotation tal-Lm600 ghax tas-Lm600 ghamiltha wara li gie t-tieni darba. Però, ghandi l-konferma tal-Middlesea li ser jaghtuni Lm51,296 (Life Assurance Quotation datata 16 ta' Mejju 1996).'*[15]

Id-dokument li qed jirreferi ghalih l-ilmentatur bhala konferma huwa proprju l-*Life Assurance Quotation*[16] ufficjalment mahruga mill-provditur tas-servizz, fejn tindika li l-polza in kwistjoni saret bl-ilmentatur bhala l-persuna assigurata ghal perjodu ta' hamsa u ghoxrin sena, bil-*premium* annwali li jammonta ghal Lm580.18 fis-sena, bis-*sum assured* ta' Lm13,165 u bl-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* u l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonuses* li jammontaw ghal Lm37,306 u Lm51,296 rispettivament. Ftit snin wara li saret din il-polza, jirrizulta li kien hemm xi tibdil,

[14] P. 64 - 65
[15] P. 85
[16] P. 63

precizament relatat mal-persuni assigurati, fejn, fuq parir ta' rapprezentant iehor tal-provditur tas-servizz, din id-darba, Joe Borg, l-ilmentatrici giet imbaghad indikata wkoll bhala l-persuna assigurata. Dan kollu gie dokumentat permezz ta' *Endorsement*[17] datata 21 ta' Gunju 2000.

L-Arbitru mhux ser jidhol fil-mertu tad-diskrepanzi zghar li hemm fir-rigward tal-*premium* ikkwotat, izda ma jistax ma jaghtix importanza lid-dikjarazzjoni tal-ilmentatur ikkwotata aktar 'il fuq, fejn stqarr li ghandu l-konferma tal-provditur tas-servizz li hu kellu jinghata s-somma ta' Lm51,296. Dan ifisser li, anke bhal ma rrizulta minn kazijiet simili precedenti mressqa quddiem l-Arbitru, din il-*Life Assurance Quotation* tigi mahruga mill-provditur tas-servizz wara li klijent ikun digà iddecieda li jixtri l-polza hekk kif offruta lilu. Dan ghalhekk ifisser ukoll li l-ilmentatur u martu ibbazaw id-decizjoni taghhom fuq il-*Quotations*[18] mahruga lilhom minn Andrè Micallef fuq dokumenti tieghu stess. Evidentement, l-ilmentatur kien minghalih li l-*Quotation* ufficjali mahruga mill-provditur tas-servizz hija l-konferma tal-ammonti li gew ikkwotati lilu mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz.

L-ilmentatur iddikjara wkoll li:

*'Mr Andrè Micallef assigurani li din il-polza hija sigura u li dawn il-flus ser nehodhom lura. U, fil-fatt, ghamilli xi graphs hawn wara fuq karta minnhom, li hawnhekk qed jurik kif titla' wara ammont ta' snin fejn spiccat li jiena mort ghal dawn il-Lm50,000.'*[19]

Fil-kontroezami, stqarr ukoll li:

*'Referut ghall-graph li pprezentajt, qed jinghad li la jien l-ammont li nvestejt hadtu lura, allura, l-graph bilfors kellha titla 'l fuq (la jien ma tliftx dak li nvestejt), nghid li lili, dak iz-zmien, qatt ma qalli li l-graph setghet tinzel xi darba. Dejjem qalli li l-graph tiela' u fl-ebda hin ma qalli li nista' niehu anqas mill-ammont ta' Lm51,000. Jien fuq dik ibbazajt; jien kieku ma kont inhallas l-ebda penny. Kieku xi hadd qalli li dawn il-flus setghu jonqosu – il-Lm51,000 – ma kontx naghmilha din.'*[20]

---

[17] P. 58
[18] P. 64 - 65
[19] P. 84
[20] P. 97

L-Arbitru jinnota li l-*graph*[21] li għaliha qed jirreferi l-ilmentaturi, u li kopja tagħha giet ukoll ipprezentata, tinkludi diversi figuri li izda l-Arbitru m'huwiex f'pozizzjoni jikkonferma bic-cert ma' liema wahda mill-ghazliet ipprezentati lill-ilmentatur din hija marbuta. Minkejja li hemm indikat il-perjodu ta' hamsa u ghoxrin sena, li huwa dan il-perjodu li ghalih l-ilmentatur ghamel il-polza in kwistjoni, il-figuri kkwotati fuq din l-istess *graph* m'humiex konsistenti ma' dawk ikkwotati fuq *Option 2*[22] tal-*Quotation* li l-ilmentatur stess ammetta li hija l-aktar wahda li tqarreb ghal dak li ddecieda li jaghmel hu.

B'referenza ghall-*graph* referuta mill-ilmentatur, ma jistax ma jigix innutat li, verament, din hija *graph* b'*upward trend*; izda, minkejja li jidher li gew imsemmija zewg xenarji differenti u gew ikkwotati r-rati ta' 6.75% u 4%, il-provditur tas-servizz ma pprezenta l-ebda prova li turi fuq liema rata l-figuri kkwotati lill-ilmentatur gew ibbazati. Lanqas huwa indikat li r-rata in kwistjoni setghet tvarja minn dawn it-tnejn ikkwotati. Fuq kollox, lanqas gie indikat li dawk l-istess zewg rati qed jintuzaw biss bhala ezempju u li dawn setghu ivarjaw sostanzjalment.

L-ilmentatur tenna:

*'Li nista' nghid hu li dawn il-graphs ghamilhomli biex ibieghli l-polza, xejn aktar u xejn anqas. Ghamilli l-graph biex jikkonvincini li l-ammont tal-ahhar kien ser ikun Lm51,000. Il-bqija ma ghamilha ghal xejn aktar ghax kieku ma qaghadx jaghmilieli. Zgur li ghalhekk. Jien fuq dik m'ghandix dubju.'*[23]

Ta' min jinnota li l-Arbitru mhu qieghed fl-ebda hin jikkontesta l-mod kif tahdem *endowment policy* bhal dik ilmentata; li spjegazzjoni ta' dan giet moghtija mill-provditur tas-servizz u r-rapprezentant fix-xhieda tieghu. Izda, f'dan il-kaz, ghandu jigi determinat jekk, fil-fatt, din l-informazzjoni giet moghtija lill-ilmentaturi fil-mument tal-bejgh.

L-ilmentatur insista ghal diversi drabi, li kien proprju l-ammont indikat lilu bhala dak li kellu jircievi mal-maturità li hajru, jew ahjar, ikkonvincih sabiex jixtri l-polza offruta lilu. Indika wkoll li rcieva assigurazzjoni dwar dan minghand ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz li bieghlu l-polza, tant li iddecieda li

[21] P. 89
[22] P. 65
[23] P. 98

jhallas *premium* oghla sabiex mal-maturità jircievi ammont akbar. Tant kien iffokat fuq dan l-istess ammont, li meta gie ikkuntattjat minn rapprezentant iehor u nghata l-parir sabiex jinkludi lil martu wkoll bhala l-persuna assigurata, hu kien specifikament staqsa dwar jekk dan l-ammont kienx ser jigi affettwat jekk isiru l-emendi suggeriti fuq il-polza.

Qal li:

*'Qalli li jekk irrid it-Lm13,000 li kelli jekk nigi nieqes, din tista' tigi fuq il-mara wkoll. Jien staqsejtu jekk naghmel hekk kienx ser jonqos l-ammont ta' Lm51,296. Qalli, "Le, dawk xejn m'hu ser jonqos minnhom. Li ser jonqos, jekk tigi nieqes int, flok dawn it-Lm13,165 tiehu Lm10,000 jew, jekk tigi nieqsa l-mara, tiehu Lm10,000". Ghidtlu, "Mela jekk l-ammont tal-flus mhux ser jonqos, ser jonqos hemmhekk biss, naghmilha".'*[24]

L-ilmentatur kien konvint mill-ammont li kellu jircievi mal-maturità hekk kif gie mwieghed lilu. Evidentement, il-figuri ikkwotati lill-ilmentatur kienu s-*selling point* tal-polza in kwistjoni, u l-Arbitru m'ghandu l-ebda prova ohra li turi mod iehor.

Kif digà ntqal aktar kmieni, l-Arbitru ghandu biss ix-xhieda tal-ilmentatur ghall-waqt meta inbieghet il-polza, u r-rapprezentanti tal-provditur tas-servizz li bieghulu l-polza ma xehdux. Ghalhekk, l-Arbitru ghandu biss il-verzjoni tal-ilmentaturi li m'hemmx raguni ghalfejn l-Arbitru m'ghandux jemminha. L-Arbitru ghandu wkoll f'idejh il-kwotazzjoni mahruga mill-istess rapprezentant tal-provditur tas-servizz. Minkejja li, kif ukoll intqal aktar kmieni, din il-kwotazzjoni tqarreb biss lejn l-ammont li eventwalment gie investit, ma jibdel xejn mill-ispjega li giet moghtija lill-ilmentaturi u l-istampa impingija lilhom.

Il-provditur tas-servizz kontinwament argumenta li l-figuri kkwotati lill-ilmentatur kienu stima, hekk kif inhu anke rifless fit-titli uzati fil-kwotazzjoni[25] moghtija, fejn din tinkludi t-termini *Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* u *Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonuses.* Ta' min jinnota, però, li minkejja li giet uzata il-kelma '*estimated*', dan id-dokument li fuqu bbaza d-decizjoni tieghu l-ilmentatur, ma

[24] P. 85 - 86
[25] P. 65

jinkludi l-ebda informazzjoni jew spjegazzjoni ohra ghal liema raguni qed jigi uzat dan it-terminu.

Fl-ebda hin ma jindika li l-figuri kkwotati huma stima minhabba li dawn huma ibbazati fuq rata li kienet applikabbli dak iz-zmien. Fuq kollox, lanqas biss jinkludi referenza ghal xi rata partikolari, ahseb u ara, kemm seta' l-ilmentatur, li dak iz-zmien kien jahdem fil-qasam tal-kostruzzjoni u, ghalhekk, ma kienx intiz fis-settur tal-assikurazzjoni fuq il-hajja, jifhem li din ir-rata setghet tvarja b'mod sostanzjali. Dan ghalhekk ifisser li, f'dan il-kaz, li tigi uzata l-kelma '*estimate'* certament li ma kienx bizzejjed. F'dan il-kaz, l-ilmentaturi kellhom jinghataw l-informazzjoni kollha b'mod car u li huma setghu jifhmu, il-mod kif tahdem din il-polza, fuq xiex huma ibbazati l-figuri kkwotati u, fuq kollox, ghalfejn qed tigi uzata l-kelma '*estimate*'.

Barra minn hekk, l-Arbitru jinnota wkoll li l-mod kif kienu mahduma l-istimi kkwotati lill-ilmentaturi ma kinux daqstant realistici. Kuntrarjament ghall-ilmentaturi, il-provditur tas-servizz u r-rapprezentanti tieghu huma nies professjonisti fil-qasam, konxji tal-mod kif jahdem is-suq tal-investimenti u, ghaldaqstant, ghandhom bizzejjed gharfien sabiex jaghrfu li dan l-istess suq huwa wiehed volatili ferm; u meta ghandek polza ta' dan it-tip, li l-maturità taghha tinsab ferm 'il boghod, l-andament tal-investiment jista' jvarja mhux bi ftit. Ghalhekk, il-provditur tas-servizz kien ukoll responsabbli li jara li jagixxi b'kawtela fil-mod kif tinghata stima lil klijenti prospettivi.

La l-istima[26] miktuba bl-idejn mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, u lanqas il-*Life Assurance Quotation*[27] mahruga ufficjalment mill-istess provditur tas-servizz ma jinkludu l-ispjegazzjoni rekwizita dwar il-mod kif tahdem il-polza. Mhux talli hekk, izda l-ilmentatur kien tal-impressjoni li din tal-ahhar kienet il-konferma ufficjali mill-provditur tas-servizz tal-figuri kkwotati lilu mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz. Certament li ma kienx ragonevolment mistenni mod iehor mill-ilmentatur ghajr li jibni l-aspettattivi tieghu fir-rigward tal-ammont li hu kellu jircievi fuq l-ammonti kkwotati.

[26] P. 64 - 65
[27] P. 63

Kif anke gie deciz mill-Arbitru f'kazijiet simili, u li anke gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell,[28] galadarba l-provditur tas-servizz holoq aspettattiva lill-konsumatur, din ghandha tigi onorata.

**Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli, u ser jilqghu limitatament sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Kumpens**

L-Arbitru ser jaghti kumpens ghaliex l-aspettattiva legittima tal-ilmentaturi ma gietx sodisfatta.

Huwa difficli li l-Arbitru jasal ghal somma preciza bhala kumpens, u dan irid ikun ibbazat fuq gustizzja ekwitattiva li trid tkun ukoll ragonevoli.

L-Arbitru jinnota li l-ilmentatur kien car meta qal,

*'Jien fuq dik ibbazajt; jien kieku ma kont inhallas l-ebda penny. Kieku xi hadd qalli li dawn il-flus setghu jonqsu – il-Lm51,000 - ma kontx naghmilha din.'*[29]

Izda, jinnota wkoll li ma giet ipprezentata l-ebda prova li minhabba d-decizjoni li jaghmel din il-polza hekk kif offruta lilu, hu garrab xi tip ta' *opportunity loss*. Ma jistax ma jigix ikkunsidrat li din il-polza, apparti l-element ta' kopertura fuq il-hajja, offriet ukoll lill-ilmentaturi mod ta' kif huma setghu ifaddlu ammont partikolari fis-sena, u li fuq dawn l-ammonti mhallsa, kienu qed jircievu l-*bonus* kull sena hekk kif iddikjarat mill-provditur tas-servizz.

Barra minn hekk, meta l-Arbitru hares lejn l-andament kumplessiv tal-polza, ra li l-ilmentaturi ghamlu gwadann ta' madwar Ewro 26,798.50,[30] li, fic-cirkostanzi kollha, ma kienx wiehed hazin u, ghalhekk, ghandu jigi ikkunsidrat.

Ghalhekk, meta qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-Arbitru wasal ghad-decizjoni li s-somma xierqa li ghandha tinghata lill-ilmentaturi hija dik ta' €10,180.

---

[28] *Joseph Vella vs MAPFRE MSV Life plc*, 25 ta' Marzu 2019
[29] P. 97
[30] P. 74

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *MAPFRE MSV Life p.l.c.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' ghaxart elef, mija u tmenin Ewro b'zieda mas-somma digà offruta, cioè, mas-somma ta' €59,867.94,[31] u ghalhekk, thallashom is-somma kumplessiva ta' sebghin elf u sebgha u erbghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€70,047.94).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[31] P. 10